MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 34/2003

Peter Paul sive Paolo Camilleri .

VS

Direttur Registru Pubbliku .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni illi permezz taghha wara illi ppremetta :

Illi huwa twieled f'Victoria, Ghawdex fis-sebgha (7) ta' Jannar elf disa' mija tnejn u tletin (1932) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv mija u sebghin tas-sena elf disa' mija tnejn u tletin (170.1932) (Dok, A) ;

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attur gie mnizzel bhala 'Paolo' u dan nonstante illi l-ginituri tieghu riedu li isem l-attur ikun 'Peter Paul', kif di fatti tnizzel fic-certifikat tal-

maghmuja tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur, Ghawdex (Dok B) ;

Illi di piu l-attur dejjem kien maghruf ossia msejjah bl-isem ta' 'Peter Paul' mentri fil-fatt fic-certifikat tat-twelid tnizzel bl-isem ta' 'Paolo' .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :-

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid nmru mija u sebghin tas-sena elf disa' mija tnejn u tletin (170.1932) billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem 'Paolo' jigi sostitwit bl-isem 'Peter Paul' .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenut huwa ingunt .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attur minnu mahlufa .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument 'A' certifikat tat-twelid ta' l-attur li jgib in-numru ta' registrazzjoni numru mija u sebghin ta' l-elf disa' mija tnejn u tletin (170/1932), u bhala dokument 'B' certifikat tal-maghmudija ta' l-attur mahrug mill-knisja parrokkjali tan-Nadur .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li eccepixxa :

1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti ikunu sodisfacenti u korretti skond il-Ligi . Illi ghaldaqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attur u f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut .

Semghet lill-attur jikkonferma bil-gurament tieghu dak indikat fic-citazzjoni .

Il-Qorti ghal hekk u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi din il-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u sebghin tas-sena elf disa' mija tnejn u tletin (170/1932), billi fil-kolonna "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem 'Paolo' jigi sostitwit bl-isem 'Peter Paul' .

Minhabba n-natura ta' din il-kawza ma ghandhomx ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------